# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2021.**

**Numru: 3**

**Rikors Maħluf Numru 1118/2009/2 JPG**

**Joseph u Maria Victoria konjugi Borg**

***v.***

**Onorevoli Prim Ministru; Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni; Awtorità għat-Trasport f'Malta**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2016 li ċaħdet it-talbiet tagħhom għal dikjarazzjoni illi l-Avviżi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009 ma jiswewx għax diskriminatorji.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: fis-26 ta' Novembru 2001 daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2001 dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummerċjali) ["ir-Regolamenti tal-2001"] bis-saħħa tal-Avviż Legali numru 293 tal-2001. Dawn ir-

regolamenti sussegwentement ġew emendati permezz tar-Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummerċjali) ["ir-Regolamenti tal-2009"], li daħlu fis-seħħ bl-Avviż Legali 200 tal-2009.

3. Taħt l-ewwel skeda tar-Regolamenti tal-2009 ġew identifikati żoni ta' "parkeġġ kontrollat" u taħt it-tieni skeda tal-istess Regolamenti inħoloq "permess ta' residenti" li bis-saħħa tiegħu residenti ta' lokalità ta' parkeġġ kontrollat ikunu jistgħu jipparkeġġjaw il-vettura tagħhom f'żona kontrollata billi jwaħħlu l-permess f'post fejn jidher fuq il-*windscreen* tal-vettura tagħhom.

4. L-atturi jgħidu illi l-liġi ewlenija li taħtha saru dawn ir-Regolamenti – l-artt. 33(*d*) u 72 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (illum l-Att dwar Gvern Lokali) ["Kap. 363"] u l-art. 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku ["Kap. 65"] – ma tagħtix is-setgħa li taħtha ssir leġislazzjoni sussidjarja diskriminatorja. Jidhrilhom illi dawn ir-Regolamenti jiddiskriminaw bejn residenti ta' lokalità u dawk li ma jitqisux residenti billi jagħtu trattament preferenzjali lil dawk li huma residenti u jippenalizzaw lil dawk li ma humiex. Itennu wkoll illi "b'riżultat tal-imsemmi Regolament, persuni kkunsidrati mhux residenti ma jistgħux jipparkeġġaw il-vettura tagħhom f'żona kkontrollata li hija riżervata għar-residenti u għalhekk ma jkunx possibbli għalihom li jsibu jipparkeġġaw il-vettura tagħhom f'żoni popolari bħal, per eżempju, tas-Sliema, u partijiet oħra ta' Malta ffrekwentati ħafna" u "jkollhom iħallsu ammenda kull darba li ma jsibux jipparkjaw il-vettura

tagħhom u jkunu kostretti jħalluha f'żona kkontrollata riżervata għar-residenti".

5. Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti tiddikjara illi r-Regolamenti tal-2001 u tal-2009 ma jiswewx għax "diskriminatorji u għalhekk abbusivi u illegali".

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn:

»1. illi in linea preliminari, l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku sabiex jistitwixxu din il-kawża peress illi ma ġew effettwati b'ebda mod dirett u attwali bil-liġijiet li qed jallegaw li huma diskriminatorji, illegali u abbusivi … … …;

»2. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linja preliminari, l-intimata l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta mhix il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża;

»3. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma teżisti ebda forma ta' diskriminazzjoni, illegalità jew abbuż. Anzi l-entitajiet kompetenti aġixxu [*sic*] fl-interess pubbliku u żammu l-proporzjonalità u l-bilanċ neċessarju bejn l-interessi ta' residenti u dawk li mhumiex residenti;

»4. illi t-talbiet kif intavolati fir-rikors odjern huma pjuttost vagi u minħabba f'hekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-onorabbli qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex jispeċifikaw b'aktar preċiżjoni eżattament taħt liema artiklu fil-liġi r-rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom u f'dan ir-rigward l-esponenti qegħdin preżentement jirriżervaw il-posizzjoni tagħhom f'każ li jkun hemm bżonn li ssir xi risposta ulterjuri wara li r-rikorrenti jkunu għamlu l-indikazzjonijiet msemmija;

»5. illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk r-rikorrenti qegħdin jibbażaw ruħhom fuq l-artiklu 469A [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili], qed jiġi umilment sottomess illi din l-azzjoni hija bla bażi legali *stante* illi dak l-artiklu jgħodd biss għall-għemejjel amministrattivi u mhux għal xi għemil leġislattiv;

»6. illi, ukoll mingħajr preġudizzju, il-ħruġ ta' Avviżi Legali ma jistax jitqies bħala għemil amministrattiv iżda wieħed leġislattiv u, minħabba f'hekk – dejjem jekk ir-rikorrenti qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-artiklu 469A – allura din l-azzjoni għandha tiġi ddikjarata bħala bla bażi legali u tiġi kkanċellata;

»7. illi mingħajr preġudizzju, jekk r-rikorrenti qegħdin jibbażaw ruħhom fuq l-artiklu 469A fuq msemmi u f'każ li l-ħruġ ta' Avviżi Legali jitqiesu minn din l-onorabbli qorti bħala għemejjel amministrativi – argument li l-esponenti assolutament jiċħdu bl-akbar qawwa – allura t-talbiet tagħhom (ir-rikorrenti) f'in kwantu jikkonċernaw l-Avviż Legali 293 tal-2001 huma preskritti *stante* illi t-talbiet fil-konfront tal-Avviż Legali

msemmi ġew intavolati wara l-perijodu ta' sitt xhur permess mill-liġi, skond l-istess artiklu;

»8. illi, ukoll mingħajr preġudizzju, jekk *invece* r-rikorrenti qegħdin jibbażaw ruħu fuq l-artiklu speċifiku tal-Kostituzzjoni, allura l-esponenti umilment jissottometti din l-onorabbli qorti fil-ġurisdizzjoni premessa m'għandhiex il-mansjoni biex tiddeċiedi kwistjonijiet ta' din n-natura u għandha tiddikjara dan ir-rikors null;

»9. illi, mingħajr preġudizzju, f'każ li r-rikorrenti qegħdin jibbażaw ruħhom fuq l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni [Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali], allura f'dak il-każ, minbarra li għandhom jiddikjaraw ruħhom speċifikament f'dan ir-rigward, l-esponenti jħossu li l-fatti kif għandhom jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors ma jistgħux jitqiesu bħala diskriminatorji u minħabba f'hekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

»… … …«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»Għal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeċiedi *in vista* tal-konverżjoni tagħha f'sede kostituzzjonali, tiċħad r-raba' eċċezzjoni tal-intimati, u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames, sitt, u seba' eċċezzjoni tal-intimati, tilqa' t-tmien eċċezzjoni parzjalment, tiċħad l-ewwel, t-tieni u l-għaxar eċċezzjoni tal-intimati, iżda tilqa' t-tielet u disa' eċċezzjoni tal-intimati u għalhekk tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

»L-ispejjeż għandhom jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi (⅔) mir-rikorrenti u in kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) mill-intimati.«

8. Safejn huma rilevanti għall-appell tal-atturi, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Permezz tal-proċeduri odjerni, l-atturi talbu lil dina l-qorti sabiex tiddikjara l-Avviżi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009 bħala diskriminatorji, u konsegwentement tiddikjara l-istess Avviżi Legali bħala nulli u mingħajr effett.

»Permezz tar-raba' (4) eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti eċċipew illi t-talbiet kontenuti fir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi huma pjuttost vagi fis-sens illi l-atturi ma indikawx il-provvediment tal-liġi illi fuqu qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom. Għalhekk il-konvenuti kienu talbu lil dina l-onorabbli qorti sabiex tordna lill-atturi illi jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom. B'danakollu, il-perit legali tirrileva illi l-atturi baqgħu qatt ma taw ebda indikazzjoni tad-disposizzjoni legali illi abbażi tagħha huma qegħdin jippromwovu l-azzjoni odjerna. Madanakollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-istess atturi stradaw l-argument legali tagħhom abbażi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Effettivament, l-atturi qegħdin jattakkaw l-provvedimenti tal-Avviżi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009 bħala diskriminatorji. Issa dawn l-Avviżi Legali bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala xi għemil amministrattiv illi jista' jaqa' fl-ambitu tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. B'hekk il-perit legali kienet sodisfatta illi l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Għaldaqstant il-perit legali qieset bħala sorvolati l-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti riferibbilment għall-azzjoni in kwantu din setgħet kienet ibbażata fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi proprju dwar "Stħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva", u sejra tillimita l-analiżi tagħha ristrettivament għat-talbiet u l-eċċezzjonijiet relattivi tenut kont tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi fuqu tippernja l-azzjoni attriċi.

»Permezz tat-tmien (8) eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti eċċepew illi dina l-qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tittratta dwar l-azzjoni attriċi in kwantu dina hija msejsa fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Issa l-azzjoni proposta mill-atturi, illi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni fis-sens illi l-liġijiet sussidjarji minnhom ċitati huma anti-kostituzzjonali, hija kkontemplata fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta … … …

»… … …

»Minn qari ta' dan l-artikolu, joħroġ ċar illi l-ġurisdizzjoni oriġinali sabiex tiġi indagata l-kwistjoni dwar jekk liġi hijiex anti-kostituzzjonali hija vestita fl-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-mistoqsija illi tibqa' hija allura jekk l-artikolu 46 hux qiegħed jirreferi għall-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħha, jew inkella għall-istess qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha.

»… … …

»… … … dejjem sakemm ikun hemm rimedji ordinarji illi jistgħu jingħataw lill-attur, m'hemmx ħtieġa illi kwistjoni dwar materja ta' diskriminazzjoni tiġi riferuta lill-organi ġudizzjarji ta' kompetenza kostituzzjonali. Madanakollu, fil-każ odjerni *si tratta* ta' talba għal dikjarazzjoni illi liġi hija anti-kostituzzjonali – rimedju jista' jingħata biss mill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali.

»Effettivament, fil-każ ta' talba għad-dikjarazzjoni illi liġi hija anti-kostituzzjonali *ai termini* tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 95(2)(*ċ*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddetta illi l-appell għandu jsir lill-onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Kwindi jsegwi illi l-qorti ta' prim'istanza f'dan il-każ għandha tkun l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u mhux l-istess qorti fil-ġurisdizzjoni oriġinali [*recte*, ordinarja] tagħha. Effettivament, l-imsemmi artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jikkontrasta mal-artikolu 34 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi illi appell minn deċiżjoni tal-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza ordinarja tagħha għandu jiġi intavolat quddiem l-onorabbli Qorti tal-Appell – anke jekk f'dik is-sentenza jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni ta' Malta. Mela ġialadarba l-Qorti tal-Appell tieħu konjizzjoni ta' sentenzi ta' prim'istanza anke fejn tkun ġiet trattata materja ta' indoli kostituzzjonali, iżda l-artikolu 95(2)(*ċ*) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi illi l-appell f'każ ta' dikjarazzjoni dwar

l-anti-kostituzzjonalità ta' xi liġi jsir quddiem l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali, isegwi illi l-proċeduri *ai termini* tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jeħtieġ illi jiġu intavolati quddiem l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

»Għalhekk il-perit legali qieset illi kienu korretti l-konvenuti meta jinsistu illi dina l-qorti kif kostitwita m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tittratta dwar il-kwistjoni odjerna. Ovvjament, tibqa' d-diskrezzjoni ta' dina l-qorti illi, jekk jidhrilha xieraq u opportun, b'applikazzjoni tal-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju, tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa sabiex din l-azzjoni tiġi deċiża mill-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), f'liema każ ir-rikors promotur għandu jiġi konvertit minn rikors ġuramentat għar-rikors ikkontemplat fil-każ tal-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»… … …

»L-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni illi l-Avviżi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009 huma diskriminatorji, u kwindi nulli u mingħajr effett skond il-liġi.

»Permezz tal-Avviż Legali 293 tal-2001, kienu ġew stabbiliti żoni kontrollati f'Għawdex b'parkeġġ b'ħinijiet ristretti għal persuni illi m'humiex residenti fil-lokalitajiet indikati speċifikatament fl-istess liġi sussidjarja. Tali regolamenti mbagħad ġew estiżi għal diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex permezz tal-Avviż Legali 200 tal-2009.

»L-atturi jilmentaw illi tali regolamenti huma diskriminatorji għaliex jipprovdu trattament differenzjali għal ċittadini illi ġejjin minn lokalitajiet differenti f'Malta u Għawdex, minkejja illi dawn iħallsu l-istess liċenzja tas-sewqan.

»Permezz tat-tielet (3) u d-disa' (9) eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti eċċepew illi ma teżisti ebda forma ta' diskriminazzjoni, illegalità jew abbuż fl-Avviżi Legali attakkati mill-atturi.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-onorevoli Prim Ministru u l-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jissottomettu illi f'dan il-każ ma tirriżulta ebda diskriminazzjoni *ai termini* tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u *ai termini* tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejjħa "Il-Konvenzjoni"), u dana *stante* illi, sabiex tirriżulta tali diskriminazzjoni, jeħtieġ neċessarjament illi din id-diskriminazzjoni allegata tkun abbinata mat-telfien tal-ġodiment ta' xi wieħed mid-drittijiet u / jew libertajiet fondamentali protetti mill-Kostituzzjoni u / jew mill-Konvenzjoni.

»L-onorevoli Prim Ministru u l-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jibdew billi jagħmlu referenza għall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi jipprovdi illi "ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha", iżda jirrestrinġi l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' diskriminazzjoni bil-lista eżawrenti kontenuta fis-sub-inċiż (3) dwar iċ-ċirkostanzi meta liġi tista' titqies illi hija diskriminatorja:-

> »"Il-kelma 'diskriminatorju' tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew

> identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suggetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bhal dawn".

»L-onorevoli Prim Ministru u l-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jagħmlu referenza wkoll għall-artikolu 14 tal-Konvenzjoni illi jipprovdi illi:

> »"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status".

»… … …

»Minn dan isegwi illi, sabiex tirriżulta d-diskriminazzjoni kontemplata fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, jeħtieġ illi tali diskriminazzjoni tkun konnessa mal-ġodiment ta' xi wieħed mid-drittijiet u / jew libertajiet fondamentali protetti mill-istess liġijiet.

»B'dan l-argument, l-intimati jsostnu illi d-dritt illi wieħed jipparkeġġja l-vettura tiegħu f'żona partikolari mingħajr ebda restrizzjoni mhux dritt fondamentali protett espressament mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni. Għalhekk mingħajr preġudizzju għall-argument illi r-restrizzjoni introdotta mill-Avviżi Legali attakkati mill-atturi mhix diskriminatorja, l-intimati jargumentaw illi restrizzjoni dwar parkeġġ mhix leżiva tad-drittijiet u libertajiet protetti kostituzzjonalment u konvenzjonalment, u għalhekk ma taqax fil-parametri tal-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni.

»Filwaqt illi taqbel mal-argument tal-intimati in kwantu dan jirrigwarda l-provvedimenti tal-Konvenzjoni, l-perit legali ma tikkondividix mal-opinjoni fir-rigward tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dana għaliex, kif tgħallimna s-sentenza fl-ismijiet <u>Michael Anthony Henley *v.* Il-Prim Ministru *et*</u>, taħt il-Kostituzzjoni tagħna mhux meħtieġ illi d-diskriminazjoni tkun abbinata mal-ġodiment ta' dritt jew libertà fondamentali:-

»… … …

»It-tieni argument tal-konvenuti huwa fis-sens illi s-sistema ta' parkeġġ residenzjali kienet meħtieġa fid-dawl tal-interess pubbliku u bħala strateġija sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-interess tar-residenti u dawk illi mhumiex residenti.

»*A fol.* 143 *et seq*. Emanuel Delia fil-kapaċità tiegħu ta' Kap tas-Segretarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, spjega illi l-għan wara l-iskemi ta' parkeġġ residenzjali huwa sabiex tiġi indirizzata l-problema kkawżata mill-fatt illi, f'ċerti lokalitajiet f'Malta, id-domanda għall-parkeġġ hija akbar mill-provvista ta' spazju. Bħala eżempji, ix-xhud semma l-każ tal-Belt Valletta u l-iMdina. Huwa spjega illi l-iskemi ta' parkeġġ residenzjali jiġu introdotti skond il-bżonnijiet ta' kull lokalità partikolari, għaliex hemm lokalitajiet fejn ir-residenti jipparkjaw mingħajr ebda diffikultà u għalhekk ma tkunx meħtieġa skema ta' parkeġġ residenzjali, filwaqt illi hemm lokalitajiet oħra fejn il-parkeġġ huwa ristrett u għalhekk ikun hemm ħtieġa illi tiġi introdotta tali skema. Ix-xhud spjega illi skemi ta' parkeġġ

illi jagħtu priorità lil residenti fuq sewwieqa oħra jinsabu komunement fi kwalunkwe ġurisdizzjoni bi problemi simili għal dawk ta' Malta. L-iskema illi tiġi applikata trid tkun proporzjonata mal-bżonn, u hu għalhekk illi l-iskemi illi huma applikati f'Malta, bħal dawk ta' kwalunkwe pajjiż ieħor, ivarjaw minn lokalità għal oħra skond il-ħtieġa.

»David Sutton *a fol.* 159 *et seq.*, bħala *chief officer* fi ħdan l-*Integrated Transport Strategy Directorate*, spjega illi Malta għandha *road network* ta' 2,200 kilometru biss u aktar minn 300,000 vettura fit-triq. Għalhekk id-domanda għall-użu ta' parkeġġ ħafna drabi teċċedi l-kapaċità tal-infrastruttura tat-toroq. Huwa għalhekk illi l-gvern introduċa politika sabiex jimmaniġġja d-domanda u l-provvista ta' toroq billi l-ispazju tat-triq jiġi allokat għal użu speċifiku fejn meħtieġ.

»L-atturi pproduċew lil Stephen Cachia bħala rappreżentant tal-awtorità konvenuta u lill-Prokuratur Legali Edgar Montanaro sabiex jipprovaw illi ċertu Peter Borg, …, illi kien attwalment residenti ġewwa San Ġiljan, kien reġistrat fir-Reġistru Elettorali bħala residenti l-Floriana. Jargumentaw illi, b'dan il-mod, l-istess Borg kien qiegħed igawdi minn permess sabiex jipparkeġġja f'żoni ta' parkeġġ residenzjali fil-Floriana mingħajr ebda restrizzjoni, meta fil-fatt huwa lanqas biss jirrisjedi hemm.

»Il-perit legali ma kellha ebda dubju illi, bħal kull sistema oħra illi jista' joħloq il-bniedem, is-sistema ta' parkeġġ residenzjali tista' tkun soġġetta għal abbuż. Madanakollu, dana ma jfissirx illi s-sistema għandha tiġi kkanċellata sempliċiment għaliex ikun hemm min jabbuża minnha – jekk stess, għandhom jiġu indirizzati l-abbużi.

»Il-perit legali llamentat il-fatt illi ħadd mill-partijiet f'dawn il-proċeduri ma pproduċa statistika sabiex jiġġustifika l-argument favur jew kontra l-iskemi ta' parkeġġ f'pajjiżna. Madanakollu, huwa fatt magħruf illi f'ċerti lokalitajiet, partikolarment dawk ta' interess partikolari għat-turisti jew għal skopijiet kummerċjali jew rikreattivi bħall-iMdina, il-Belt Valletta, tas-Sliema, San Ġiljan u s-Swieqi, jesperjenzaw ċirkolazzjoni kbira ħafna ta' vetturi u konsegwentement it-talba għall-parkeġġ teċċedi bil-wisq l-ispazju disponibbli. Li kieku ma jkunx għal dawn l-iskemi ta' parkeġġ, il-ħajja tar-residenti f'dawn il-lokalitajiet issir insopportabbli, u għalhekk verament huwa meħtieġ illi jintlaħaq bilanċ bejn l-esiġenza ta' dak illi jżur lokalità saltwarjament għall-fini rikre-attiva jew kummerċjali, u r-residenti illi jridu jaffaċċjaw il-problemi tal-parkeġġ fuq bażi ġiornaliera u anke diversi drabi kuljum.

»Effettivament, il-ġurisprudenza, kemm lokali, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, żviluppat maż-żmien il-prinċipju tal-proporzjonalità. … … …

»… … …

»Issa, kif diġà sottomess, huwa minnu illi individwu illi ma jirrisjedix f'lokalità partikolari fejn il-parkeġġ huwa problematiku, u li jżur tali lokalità saltwarjament, jista' jsib diffikultà biex jipparkja meta rinfaċċjat bi skemi ta' parkeġġ għar-residenti. Iżda din id-diffikultà ċertament illi bl-ebda mod ma tista' titqabbel mal-martirju ġornalier illi jkollhom isoffru l-povri residenti f'lokalitajiet ambiti kif ġà msemmi, li kieku ma jitteħdux miżuri appożiti bl-introduzzjoni ta' skemi ta' parkeġġ residenzjali. Għalhekk, l-perit legali kienet tal-fehma illi f'dan il-każ ġew sodisfatti l-kriterji ta' bilanċ u proporzjonalità illi jiġġustifikaw l-eċċezzjoni għall-prinċipju tad-diskriminazzjoni … … .

»*Inoltre* l-perit legali sostniet illi l-iskemi ta' parkeġġ residenzjali jolqtu mhux biss lill-atturi, iżda prattikament lil kull resident f'Malta u Għawdex. Dan għaliex, per eżempju, resident tal-Belt Valletta illi jibbenefika minn skema ta' parkeġġ fl-istess belt, meta jżur l-iMdina isib rużu "diskriminat" *ossia* differenzjat fis-sens illi ma jkunx jista' jipparkja f'postijiet riżervati għar-residenti tal-iMdina. B'hekk ma jistax jingħad illi, permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Avviżi Legali minnhom impunjati, l-atturi ngħataw trattament differenti minn ħaddieħor, *ossia* minn kull ċittadin Malti ieħor – jew saħansitra kull viżitatur illi sempliċiment jinzerta Malta għal ftit ġranet. Il-fatt illi l-atturi forsi jirrisjedu f'lokalità fejn il-problema ta' parkeġġ mhix akuta biżżejjed sabiex tiġġustifika l-ħtieġa ta' skemi ta' parkeġġ ma jbiddel xejn minn dan l-argument – għaliex effettivament tfisser illi l-atturi ma jir-riskontrawx problemi ta' parkeġġ viċin ir-residenza tagħhom. Bl-istess argument tal-atturi illi skemi ta' parkeġġ jintużaw bħala espedjent u munita politika sabiex il-kunsilliera jaqdu lill-votanti preferuti tagħhom, wieħed jistenna illi, jekk fil-lokalità fejn jirrisjedu l-atturi jkun hemm problema ta' parkeġġ, il-Kunsill Lokali jkun pront u jintroduċi skemi ta' parkeġġ – u b'hekk l-atturi jkunu, kif fil-fatt huma, eżattament l-istess pożizzjoni ta' kull persuna oħra f'Malta. M'hemm l-ebda differenz-azzjoni inġustifikata f'dan u kwindi l-atturi naqsu milli jissodisfaw il-kriterji essenzjali sabiex tiġi promossa b'suċċess azzjoni dwar id-diskriminazzjoni kif kontemplata fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. … … …

»… … …

»Għalhekk l-perit legali kienet tal-fehma illi fil-każ odjern ma tirriżultax id-diskriminazzjoni *ai termini* tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif jippretendu l-atturi.

»Saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Maria Victoria Borg *et v.* Sindku u Segretarju Eżekuttiv in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Pietà</u> illi abbażi tagħha l-atturi pproċedew bl-azzjoni odjerna. Il-perit legali rrilevat illi kien minnu illi permezz ta' dik is-sentenza kienet ġiet dikjarata nulla u mingħajr effett il-kontravvenzjoni bin-numru 071-07367-1 illi l-atturi odjerni kienu qalgħu talli pparkeġġjaw il-vettura tagħhom f'żona ristretta għall-ipparkeġġjar mir-residenti tal-lokalità tal-Pietà, iżda dik l-azzjoni ma kinitx imsejsa fuq il-premessa illi l-iskema tal-ipparkeġġjar *de quo* kienet diskriminatorja, iżda fuq il-premessa illi l-Kunsill Lokali kien aġixxa *ultra vires* is-setgħat tiegħu meta introduċa l-istess żona. Minn qari tas-sentenza jirriżulta illi, attwalment, il-Kunsill Lokali Pietà introduċa sistema ta' parkeġġ residenzjali meta ma kienx awtorizzat illi jagħmel dan *ai termini* tal-Att XV tas-sena 1993 – iżda dan ċertament illi mhux il-każ illum. Għalhekk, kuntrarjament għal dak illi jippretendu l-atturi, is-sentenza illi huma rnexxielhom jottjenu fil-konfront tal-Kunsill Lokali Pietà fl-2009 ma kinitx tirrigwarda l-istess prinċipji legali illi jirregolaw il-materja odjerna. Hemmhekk *si trattava* ta' aġir *ultra vires*; hawnhekk il-kwistjoni hija ta' indoli għal kollox differenti, *trattandosi* ta' liġi sussidjarja allegatament diskriminatorja. B'hekk is-sentenza illi fuqha jistrieħu l-atturi bl-ebda mod ma tagħmel stat f'dawn il-proċeduri.

»Il-perit legali kkonkludiet illi dina l-qorti għandha:-

»a. tilqa' t-tmien (8) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti, b'dan però illi dina l-onorabbli qorti jista' jidhrilha xieraq u opportun illi tippermetti l-

korrezzjonijiet neċessarji sabiex tiġi salvata l-proċedura intavolata mill-atturi fid-dawl tal-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju;

»U f'każ illi ssir il-korrezzjoni msemmija:-

»b. tiddikjara illi r-raba' (4) eċċezzjoni ma teħtieġx illi tiġi trattata ulterjorment peress illi jirriżulta illi l-atturi effettivament stradaw l-azzjoni tagħhom fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

»ċ. konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti *stante* illi dawn kienu diretti lejn il-possibilità illi l-azzjoni attriċi kienet ibbażata fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

»d. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-għaxar (10) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti peress illi effettivament din kienet ta' indoli proċedurali *pendente lite* illi setgħet biss taffettwa l-proċediment ta' dina l-kawża *ossia* l-produzzjoni tal-provi fl-istess u effettivament ma timmertiax ġudizzju finali;

»e. tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti peress illi jirriżulta illi l-atturi kellhom l-interess ġuridiku rikjest mil-liġi sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna;

»f. tiċħad it-tieni (2) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta hija effettivament leġittima kontra-dittriċi fl-azzjoni odjerna;

»g. tilqa' t-tielet (3) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi f'dan il-każ ma jirriżultawx id-diskriminazzjoni, illegalità jew abbuż allegati mill-atturi;

»h. tilqa' d-disa' (9) eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti peress illi ma tirriżultax diskriminazzjoni *ai termini* tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (għalkemm ma jirriżultax min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi illi huma qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq il-Konvenzjoni Ewropea);

»i. tiċħad l-ewwel (1) talba peres illi ma tirriżultax id-diskriminazzjoni kontemplata fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u

»j. tiċħad it-tieni (2) talba;

»k. tordna ulterjorment illi l-ispejjeż tal-ewwel (1) u t-tieni (2) eċċezz-jonijiet sollevati mill-konvenuti jiġu inkorsi mill-istess konvenuti f'ishma ugwali bejniethom, filwaqt illi l-ispejjeż rimanenti jiġu sopportati esklussivament mill-atturi.

»Ikkonsidrat;

»Din hija azzjoni li tirrigwarda allegata diskriminazzjoni sofferta min-ħabba l-iskema għall-parkeġġ riservat għar-residenzi tal-lokalità, permezz ta' liema r-rikorrenti qegħdin jattakkaw il-provvedimenti tal-Avviżi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009 li jippremettu li huma diskriminatorji.

»Din il-qorti kienet tkun kompetenti sabiex tiddisponi mill-kawża odjerna u tiddeċiedi fuq id-diskriminazzjoni allegatament sofferta mir-rikorrenti, li kieku kienet tista' tipprovdi skont il-liġi ordinarja rimedju xieraq u adegwat għal leżjoni allegata. Però, kif jidher min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, huma qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom

fuq il-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk ir-rimedju li qed ifittxu r-rikorrenti m'huwiex wieħed li jista' jiġi provdut taħt il-liġi ordinarja, iżda biss taħt il-Kostituzzjoni. Konsegwentement, il-qorti taqbel perfett-ament mal-konklużjoni tal-perit legali illi din il-qorti, *qua* qorti ordinarja, m'hijiex kompetenti sabiex tiddisponi mill-azzjoni kif imposta mir-rikorrenti.

»Però, il-qorti tqis illi ma jkunx għaqli li sempliċiment tiddikjara ruħha inkompetenti, meta tista' minflok, mingħajr ma toħloq l-ebda preġudizzju għal partijiet, tikkonverti ruħha f'sede kostituzzjonali, sabiex b'hekk tkun kompetenti illi tiddisponi mill-azzjoni odjerna. Il-qrati tagħna dejjem kienu tal-opinjoni illi l-formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat, għall-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex jiġu evitati spejjeż żejda għall-partijiet.

»Għalhekk, il-qorti kkonvertiet ruħha f'qorti ta' sede kostituzzjonali, sabiex tkun f'qagħda illi tiddisponi minn din l-azzjoni.

»Ikkonsidrat;

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jargumentaw illi d-diskriminazzjoni tista' sseħħ biss fl-ambitu ta' trattament differenti mogħti lill-persuna a bażi tar-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess. Huwa minnu illi dawn huma l-*protected grounds* skont il-Kostituzzjoni ta' Malta. Però, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi lista li m'hijiex eżawrijenti kif jidher mid-diċitura tal-artikolu stess:

> »"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status."

»Filfatt, dan l-artikolu ġie użat sabiex jipproteġġi individwi minn dis-kriminazzjoni a bażi tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom, f'sitwazzjoni ta' *gender reassignment* wara intervent kirurġiku u f'każ ta' persuni imwielda barra miż-żwieġ. Ġie ritenut filfatt illi:

> »"[i]ndeed, any criterion of differentiation may be potentially exam-ined under Article 14 ECHR, whether or not it has traditionally been listed among the prohibited forms of discrimination in international human rights law... ... ...

»Barra minn hekk, skont l-*Explanatory Report to Protocol N$^{o}$ 12 to the ECHR*, a par. 20:

> »"expressly including certain additional non-discrimination grounds (for example, physical or mental disability, sexual orient-ation or age) [appeared to the drafters of the Protocol as] unnecessary from a legal point of view since the list of non-discrimination grounds is not exhaustive, and because inclusion of any particular additional ground might give rise to unwarranted *a contrario* interpretations as regards discrimination based on grounds not so included."

»Għalhekk huwa ċar illi huwa legalment permissibbli għar-rikorrenti illi jressqu dan l-ilment ta' diskriminazzjoni, anke jekk il-bażi ta' diskrimin-azzjoni allegata minnhom m'hijiex espressament inkluża fil-lista relevanti.

»Ikkonsidrat;

»Fil-każ odjern ir-rikorrenti ibbażaw il-każ tagħhom biss fuq l-allegata diskriminazzjoni. Però, l-artikoli li jiggarantixxu protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jistgħux jiġu applikati independentement għaliex m'għandhomx eżistenza awtonoma, iżda jistgħu biss jiġu applikati in konnessjoni ta' dritt fondamentali ieħor protett mill-Konvenzjoni Ewropea waqt li fis-sostanza ma rriżulta ebda trattament differenzjali inġustifikat, kif kontemplat fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»… … …

»Il-qorti tikkondividi l-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali, taddottahom u tagħmilhom tagħha u ma jirriżulta ebda raġuni impellenti li tikkonvinċi lil din il-qorti titbiegħed mir-riżultanzi raġġunti.«

9. L-atturi appellaw mis-sentenza b'rikors tat-23 ta' Mejju 2016 li għalih il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni wieġbu fis-6 ta' Ġunju 2016 u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta fl-14 ta' Ġunju 2016.

10. L-appell kien sar quddiem il-Qorti Kostituzzjonali iżda b'sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 dik il-qorti iddeċidiet illi kif igħid u jrid l-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-appell kellu jsir quddiem din il-qorti u għalhekk b'applikazzjoni tal-art. 741(*b*) tal-istess kodiċi bagħtet l-atti quddiem din il-qorti sabiex l-appell jinstema' hawn.

11. Ngħaddu mela għall-aggravji tal-appell.

12. Fl-ewwel aggravju tagħhom l-atturi appellanti jgħidu illi s-sentenza appellata ma tiswiex għax l-ewwel qorti minjeddha iddeċidiet li f'kawża mibdija quddiemha fil-kompetenza "ordinarja" tagħha tikkonverti ruħha f'qorti b'kompetenza kostituzzjonali taħt tal-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u għamlet hekk mingħajr ma tat lill-partijiet opportunità sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet

tagħhom dwar dan kif ukoll dwar il-mertu tal-każ. L-atturi jgħidu illi l-ewwel qorti ma setgħetx timxi kif igħid l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni meta ħadd mill-partijiet ma qanqal quddiemha kwistjoni bħal dik imsemmija f'dik id-disposizzjoni. Igħidu wkoll illi l-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, kien imissu sar parti fil-kawża kif isir meta jkun hemm riferenza kostituzzjonali. Ifissru dan l-ewwel aggravju tagħhom hekk:

> »Illi l-*modus operandi* tal-ewwel onorabbli qorti huwa, bir-rispett kollu, irritwali, żbaljat u sbalorditiv, u jagħti lok għal nullità tas-sentenza, u dan għal diversi raġunijiet: (A) Fl-ewwel lok, il-kawża ġiet ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala kawża ċivili. Jekk l-ewwel qorti ħasset il-ħtieġa li tikkonverti ruħha fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) *ai termini* ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija kellha qabel xejn tisma' lill-partijiet fil-kawża sabiex tara x'għandhom xi jgħidu fuq hekk, u tisma' r-raġunijiet li jwassluhom biex ma jaqblux. (B) Fit-tieni lok, il-ġurisdizzjoni kostituzzjonali – separata u distinta mill-ġurisdizzjoni ċivili – li ġiet assunta unilateralment mill-ewwel qorti kienet tirrikjedi minnha li tisma' lill-partijiet fil-kawża dwar il-meritu tal-kwistjoni kostituzzjonali mqanqla mill-qorti nfisha: *the right to be heard*.
>
> »Għalkemm l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jgħid illi Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li tikkonverti ruħha għal Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), dan mhux pass li seta' jiġi meħud minnha –
>
> »(i) unilateralment u arbitrarjament,
>
> »(ii) minnufih qabel il-qari tas-sentenza,
>
> »(iii) mingħajr ma tisma' lill-partijiet fil-kawża ċivili.
>
> »Biżżejjed jingħad li l-atturi għamlu kawża ċivili u ħarġu 'l barra mill-qorti b'sentenza mogħtija mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali bla djalogu bejn il-qorti u l-partijiet fil-kawża. Ħadd mill-partijiet ma kien qanqal kwistjoni kostituzzjonali jew talab lill-qorti li taġixxi skont l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni; l-ewwel qorti għamlet hekk minjeddha. Iżda jekk quddiemha ma tqanqlet l-ebda kwistjoni kostituzzjonali, l-ewwel qorti ma setgħetx taġixxi *ai termini* tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni kif fil-fatt għamlet. Fil-fatt, l-ewwel qort fl-ebda ħin ma ddikjarat espressament illi ma kkunsidratx il-kwistjoni "sempliċment frivola u vessatorja", u minflok għaddiet biex tikkonverti ruħha f'qorti differenti ħabta u sabta. Jekk il-kwistjoni kienet verament ta' ostakolu għal biex dik il-qorti tkun tista' tipproċedi 'l quddiem biex tiddeċiedi l-vertenza bejn il-partijiet, iktar u iktar kellha tismagħhom qabel ma tiddeċiedi li tirriferi xi kwistjoni minn qorti għall-oħra. Minn dan kollu m'għamlet xejn, u l-Avukat Ġenerali lanqas biss sar parti fil-proċeduri, kif isir kull meta jkun hemm riferenza kostituzzjonali. L-appellanti

jsostnu li riferenza kostituzzjonali ta' din ix-xorta hija irrita u nulla, u s-sentenza mogħtija b'riżultat dirett ta' tali riferenza hija wkoll, konsegwentement, irrita u nulla.

»Barra minn hekk, is-smigħ tal-partijiet mhix sempliċi formalità, iżda hija l-essenza tal-ġustizzja ... … …

»... … …

»… … … L-ewwel onorabbli qorti la tat opportunità, wisq inqas opportunità xierqa, qabel ma għaddiet biex tikkonverti ruħha f'qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, u – agħar minn hekk – biex tagħti s-sentenza tagħha *there and then*.

»B'hekk, l-Avukat Ġenerali lanqas sar parti fil-kawża, kif isir ritwalment meta jkun hemm referenza kostituzzjonali. F'dan ir-rigward, insibu din ir-rimarka magħmula mill-onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawża *Bank of Valletta p.l.c. v.* Joseph Attard *et*, sentenza tad-19 ta' Frar 2008 (Appell Numru 65/2006):

> »"Din il-qorti anqas ma tista' tifhem kif il-Prim'Awla l-ewwel iddeċidiet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-kerrej, u wara ordnat li jiġi notifikat l-Avukat Ġenerali biex, jekk dan jidhirlu li għandu jagħmel hekk, jintervjeni *in statu et terminis*. *Trattandosi* ta' kwistjoni jekk liġi partikolari hix leżiva tad-drittijiet fondamentali tas-sidien, l-Avukat Ġenerali kellu jew jiġi kjamat in kawża fil-bidu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla jew għall-anqas jiġi notifikat bir-referenza mill-bidu nett, u *cioè* mal-udjenza tal-11 ta' Jannar 2007 u fi kwalunkwe każ qabel ma l-Prim'Awla għaddiet biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet imqajma mill-*Bank of Valletta* bin-nota tad-29 ta' Jannar 2007.
>
> »"Għall-motivi premessi din il-qorti tilqa' l-appell interpost mis-soċjetà *Bank of Valletta p.l.c.*, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju 2007, tqiegħed lill-partijiet fil-posizzjoni li kienu fiha minnufih wara li l-imsemmi bank issolleva (quddiem il-bord) l-eċċezzjoni tal-ġudikat fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2006 u tibgħat l-atti lura lill-Bord li Jirregola l-Kera għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna sabiex, wara li tiġi deċiża din l-eċċezzjoni u jekk ikun il-każ, l-imsemmi bord jipproċedi skond il-liġi. L-ispejjeż inkorsi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem din il-qorti (il-Qorti Kostituzzjonali) għandhom jitħallsu kollha mill-appellati solidalment bejniethom."

»Għaldaqstant, is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) ma tistax treġġi għax hija irrita u nulla u għalhekk għandha tiġi mħassra.«

13. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fuq imsemmija tat-23 ta' Novembru 2020, meta, *a contrario sensu* taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddeċiedi kwistjoni dwar il-ksur ta' drittijiet fondamentali li tqum waqt proċeduri quddiemha, dik il-qorti ma "tikkonvertix ruħha" f'qorti oħra iżda tinqeda bil-ġuris-

dizzjoni oriġinali tagħha li tqis kwistjoni bħal dik u tiddeċiedi dwarha. Iżda tibqa' l-istess qorti: ma hemmx Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Ordinarja) u Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali).

14. Li ġara fil-każ tallum hu li l-ewwel qorti sabet quddiemha kawża mibdija b'rikors maħluf li fih intalbet dikjarazzjoni ta' nullità ta' leġislazzjoni sussidjarja, illi fil-fehma tal-atturi hija diskriminatorja, magħmula bis-saħħa ta' leġislazzjoni ewlenija li, għalkemm tagħti s-setgħa li ssir leġislazzjoni sussidjarja taħtha, ma tagħtix setgħa li ssir leġislazzjoni sussidjarja diskriminatorja. Ir-rikors fil-fatt igħid hekk:

> »… … … għalkemm l-imsemmija Regolamenti jindikaw li ġew magħmula "Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(*d*) u 72 tal-Att dwar Kunsilli Lokali u tal-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku", l-ebda waħda minn dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi ma tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet konvenuti li jiddiskriminaw ma' u jippenalizzaw b'ammont monetarju lil dawk ikkunsidrati mhux residenti, filwaqt li jagħtu trattament preferenzjali lil dawk identifikati bħala residenti.«

15. Ir-rikors maħluf irid dikjarazzjoni li r-Regolamenti ma jiswewx għax diskriminatorji meta l-liġi ewlenija li taħtha saru ma tagħtix is-setgħa li taħtha ssir leġislazzjoni sussidjarja diskriminatorja; fir-rikors maħluf ma jissemmiex ksur tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni l-ewwel li ssemmiet kien meta, wara illi l-konvenuti, fir-raba' eċċezzjoni, qalu illi t-talbiet "kif intavolati … huma pjuttost vagi", il-qorti fl-14 ta' Jannar 2010 tat lill-atturi żmien ħmistax biex "jindikaw l-artikoli tal-liġi li a bażi tagħhom qed issir din l-azzjoni", u l-atturi b'nota preżentata fil-25 ta' April 2013[2] – kemmxejn aktar minn ħmistax wara – tennew illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 363 u tal-Kap. 65 ma jagħtux is-setgħa

2 *Fol.* 16 tal-proċess tal-ewwel qorti.

li jinħarġu r-Regolamenti impunjati u qalu wkoll illi "ikun utli li ssir riferenza għall-prinċipji li jirregolaw dina l-matarja ta' diskrimin-azzjonji", fosthom l-art. 45 tal-Kostituzzjoni.

16. L-ewwel qorti mbagħad imxiet bħallikieku l-kawża kienet mill-bidunett dwar ksur ta' drittijiet fundamentali, meta fil-fatt kienet kawża "ordinarja" dwar allegazzjoni ta' nullità ta' leġislazzjoni sussid-jarja għax *ultra vires* billi l-liġi ewlenija li taħtha saret ma tagħtix is-setgħa li taħtha jsiru Regolamenti diskriminatorji. In-nota tal-atturi fil-25 ta' April 2013 ma bidlitx l-azzjoni minn waħda ordinarja għal waħda kostituzzjonali, kif fehmitha l-ewwel qorti; dik in-nota kellha pjuttost titqies bħala stedina biex il-qorti tagħti lil-liġi ewlenija li taħtha saru r-Regolamenti interpretazzjoni "konformi" mal-Kostituzzjoni, billi tinterpretaha b'mod li ma jippermettix diskriminazzjoni bi ksur tal-disposizzjonijiet li jħarsu d-drittijiet fundamentali.

17. Tassew illi l-atturi ma humiex għalkollox bla ħtija għal dak li ġara. Sewwa jgħidu l-konvenuti fl-eċċezzjonijiet tagħhom illi t-talbiet kif formulati huma vagi, b'nuqqas ta' dik il-preċiżjoni u rigorożità dixxiplinata li għandek tistenna f'dokument legali. Li kieku r-rikors kien formulat sew, b'attenzjoni għal prinċipjli legali, dan id-disgwid x'aktarx ma kienx jinqala.

18. Li ġara iżda hu illi meta qieset l-azzjoni bħala waħda kostituzzjonali l-ewwel qorti mhux biss effettivament iddirottat l-azzjoni – u hekk forsi issorprendiet lill-partijiet – iżda wkoll naqset milli tindirizza l-

kwistjoni ewlenija tal-kawża, *viz.* jekk il-liġi ewlenija li taħtha saru r-Regolamenti tagħtix jew le l-*vires* li jsiru validament.

19. Fil-fehma ta' din il-qorti iżda dan ma jwassalx għan-nullità tas-sentenza.

20. Tassew illi l-ewwel qorti għandu mnejn illi issorprendiet lill-partijiet meta qieset il-kawża bħala primarjament waħda kostituzzjonali meta ma kinitx, iżda ma issorprendithomx – għallinqas ma issorprendietx lill-atturi – meta qieset id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar diskriminazzjoni għax kienu l-atturi stess li stednuha tqis dawk id-disposizzjonijiet. U għalkemm ma iddeċidietx espressament fuq il-kwistjoni jekk il-liġi ewlenija tagħtix is-setgħa li ssir leġislazzjoni sussidjarja diskriminatorja, u, jekk le, jekk ir-Regolamenti humiex *ultra vires* għax diskriminatorji, madankollu xorta tat deċiżjoni li twassal għal determinazzjoni tal-kwistjoni.

21. Fil-fatt l-ewwel qorti sabet illi r-regolamenti ma humiex diskriminatorji – jew, pjuttost, li, għalkemm jiddiskriminaw bejn min huwa u min ma huwiex residenti f'lokalità, ma jagħmlux hekk għal raġunijiet projbiti – u għalhekk, ukoll jekk il-liġi ewlenija, interpretata b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali, ma tippermettix diskriminazzjoni, ma humiex *ultra vires* għax ma humiex diskriminatorji.

22. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

23. It-tieni aggravji jgħid hekk:

»It-tieni aggravju huwa li l-ewwel onorabbli qorti ma għamlitx apprezzament korrett tal-punti legali involuti kif ukoll tal-fatti tal-każ. … … … Bir-rispett kollu, l-intimati ma jagħarfux *actio popularis* bħala rimedju kontemplat fil-Kostituzzjoni:

»… … …

»L-esponent jagħmlu distinzjoni bejn (a) in-natura tal-azzjoni u (b) il-bażi tal-azzjoni. In-natura tal-azzjoni hija bla dubju ta' xejn *actio popularis ai termini* tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, minħabba l-impunjattiva ta' leġislazzjoni sussidjarja. Il-bażi tal-azzjoni huwa t-trattament differenzjali jew "diskriminazzjoni" … … …

»Izda, l-ewwel qorti fl-analiżi inizjali tagħha … ma aċċennatx għall-*actio popularis,* minkejja li din issemmiet kemm fid-domandi in eskussjoni magħmulin lill-perit legali, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi. Għall-kuntrarju, l-ewwel qorti għaddiet biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fuq l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għax, fi kliemha, "fuqu tippernja l-azzjoni attriċi". Minnufih, l-ewwel qorti, gratuwitament, abbinat l-azzjoni attriċi mal-azzjoni dwar leżjoni ta' drittijiet fondamentali kontemplata fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, liema artikolu ġie ċitat mill-ewwel qorti.

»… … …

»Fil-fatt, l-azzjoni prezenti hija *actio popularis* għall-impunjattiva ta' żewġ liġijiet sussidjarji. Għalhekk, l-azzjoni preżenti ma ġietx maħsuba u konċepita bħala *human rights action ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni!

»… … …

»… … … L-atturi jgħidu, għalhekk, illi l-ewwel qorti ma għamlitx valutazzjoni korretta dwar in-natura tal-kawza.

»… … …

»Bit-tielet eċċezzjoni, in-natura diskriminatorja tal-legislazzjoni sussidjarja giet ikkontestata. Għalhekk, l-ewwel qorti ikkwotat parti mill-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kelma "diskriminazzjoni". Fl-ewwel lok, l-awtoritajiet, imbagħad l-ewwel qorti, daħħlu fix-xena l-Kapitolu 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u saħansitra daħħlu fin-nofs anke l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ħaġa li l-atturi ma għamlux (a) għaliex din hija *actio popularis* u mhux kawża taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u (b) għaliex l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'huwiex *free standing* iżda japplika biss meta jiġi abbinat ma' artikolu ieħor tal-Konvenzjoni. Meta l-atturi ma bbażawx it-talbiet tagħhom fuq l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, għal darb'ohra b'mod sbalorditiv l-ewwel qorti ikkonkludiet -

> »"Minn dan isegwi illi sabiex tirriżulta diskriminazzjoni kontemplata fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni jeħtieġ illi tali diskriminazzjoni tkun konnessa mal-godiment ta' xi wieħed mid-drittijiet u/jew libertajiet fondamentali protetti mill-istess liġijiet."

»Fir-rigward tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, dan mhux minnu, jiġifieri, mhux korrett li jingħad li l-artikolu 45 dwar diskriminazzjoni m'huwiex *free standing,* għax fil-fatt huwa indipendenti mill-artikoli l-oħra tal-Kostituzzjoni. Fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, dan m'huwiex *free standing.* Iżda l-artikolu 14 ECHR ma ġiex invokat mill-atturi (proprju għax id-difensur tagħhom jaf illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni

m'huwiex *free standing* iżda jrid ikun abbinat ma' artikolu ieħor tal-Konvenzjoni). B'riżultat ta' dawn l-iskorrettezzi min-naħa tal-ewwel qorti, l-analiżi magħmula minnha fir-rigward tat-talbiet tal-atturi hija analiżi żbaljata … … …

»… … …

»… … … l-ewwel qorti stqarret: "Issa min-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnhom, jidher illi l-atturi qegħdin jillimitaw l-azzjoni tagħhom għall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni". Għalhekk, il-bażi tal-azzjoni popolari intrapriża mill-atturi hija t-trattament differenzjali jew "diskriminazzjoni", filwaqt li l-artikolu invokat mill-atturi huwa l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, iżda xorta waħda l-azzjoni mhix waħda taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

»… … …

»L-ewwel qorti … … … baqgħet tqis l-azzjoni preżenti bħala prosegwibbli biss kemm-il darba hija azzjoni skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Il-kawża odjerna, però, hija *actio popularis* taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni:

»… … .

»L-esponenti, filwaqt li japprezzaw ix-xewqa tal-ewwel qorti li tissokta bil-kawża tagħhom sal-għoti tas-sentenza, ma jistgħux jaqblu magħha:-

»(i) dwar in-natura tal-azzjoni (*i.e.* l-azzjoni saret *ai termini* tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni),

»(ii) dwar il-mod kif ħabta u sabta ikkonvertiet ruħha fi Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), bla ma semgħethom fuq hekk, u

»(iii) dwar il-mod kif qabdet u ddeċidiet il-kawża f'sede kostituzzjonali, mingħajr ma tathom l-ebda opportunità biex jittrattaw quddiemha l-meritu tal-kwistjoni kostituzzjonali;

»(iv) dwar il-fatt li injorat dak li hemm provdut fis-subinċiz (1) tal-artikolu 45, u *cioè*:

> »"(1) Bla ħsara għad-dispoziujonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.

»L-impunjattiva bl-azzjoni prezenti kienet limitata għal konsider-azzjonijiet ta' dritt amministrattiv, jiġifieri li l-ebda liġi u l-ebda leġislazzjoni sussidjarja ma għandhom jikkontjenu "xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha". Kieku l-pretensjoni tal-atturi kienet illi xi ħadd minnhom ġie "ttrattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika" (ara s-subinċiż (2) tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni), l-atturi kien ikollhom jaġixxu *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, jiġifieri permezz ta' *human rights action* fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), li mhux il-każ. Dan hu n-*nocciolo* tal-kwistjoni kollha. Għalhekk, l-azzjoni magħmula hija dik korretta, u saret quddiem il-qorti korretta. Ma kienx hemm lok li l-qorti tikkonverti ruħha f'sede kostituzzjonali.

» … … …

> »L-aggravju prinċipali tal-esponenti huwa li l-ewwel onorabbli qorti ma għamlitx apprezzament korrett tal-pern tal-kawza, u *cioè* jekk il-leġislazzjoni sussidjarja impunjata għandhiex "xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha", u dan fis-sens tas-subinċiż (1) tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, aggravju ieħor tal-esponenti huwa li ladarba l-ewwel qorti ma indirizzax il-kawża minn din l-ottika, li hi dik korretta, iħda minflok daħħiet *in ballo* l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, li l-atturi ma invokawx, is-sentenza appellata għandha tiġi revokata.«

24. L-appellanti jgħidu illi "n-natura tal-azzjoni hija bla dubju ta' xejn *actio popularis ai termini* tal-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, minħabba l-impunjattiva ta' leġislazzjoni sussidjarja". Dan ma huwiex korrett, għal żewġ raġunijiet.

25. L-ewwel raġuni hi li kif igħidu huma stess din ma hijiex azzjoni mibdija quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, kif kienet tkun li kieku saret taħt l-art. 116 tal-Kostituzzjoni; hija azzjoni ordinarja biex timpunja mhux liġi tal-Parlament iżda liġi sussidjarja għax *ultra vires*.

26. It-tieni raġuni hi li, kif igħidu l-appellanti stess, il-"bażi" tal-azzjoni hija d-diskriminazzjoni u, fi kliemhom, "l-artikolu invokat mill-atturi huwa l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni", meta l-art. 116 tal-Kostituzzjoni espressament igħid illi l-azzjoni taħt dak l-artikolu ma tingħatax meta r-raġuni tal-invalidità tal-liġi tkun inkonsistenza mal-art. 45, fost oħrajn, tal-Kostituzzjoni.

27. Ir-raġunament tal-appellanti huwa manifestament kontraditorju u inkonsistenti miegħu innifsu. Ir-raġuni għal dan hija daqstant ieħor ovvja: il-kawża kienet mill-bidunett formulata ħażin u b'nuqqas ta' ħsieb u ta' attenzjoni u, meta ntebħu b'dan, l-atturi fittxew li, kif

ngħidu,"ibenġluha" billi jinvokaw l-art. 45 tal-Kostituzzjoni bla ma ntebħu li b'hekk komplew daħħlu lilhom infushom f'kontradizzjonijiet li saru aktar evidenti fir-rikors tal-appell.

28. Dan l-aggravju, imsejjes fuq kontradizzjonijiet interni gravi, ma jistħoqqlux konsiderazzjoni ulterjuri. Huwa minnu illi, kif jingħad fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, is-sentenza appellata ma għamlitx apprezzament għalkollox korrett "tal-pern tal-kawża" iżda, kif jingħad ukoll fil-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija, dan ma jwassalx bilfors għan-nullità tas-sentenza jekk il-motivazzjoni tas-sentenza xorta tista' twassal għal deċiżjoni fuq it-talbiet għax effett-ivament qieset jekk il-liġijiet impunjati humiex diskriminatorji jew le.

29. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

30. L-aħħar aggravju jgħid hekk:

> »Illi l-ewwel onorabbli qorti straħet fuq ir-rapport peritali u kkonkiudiet -
>
> »1) li m'hemm xejn ħażin fil-leġislazzjoni sussidjarja impunjata, u
>
> »2) li nżammet proporzionalità.
>
> »L-esponenti jgħidu li l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ konklużjonijiet ma hi korretta, u li l-miżuri adottati huma, min-natura tagħhom innifishom kif ukoll fl-effett tagħhom, diskriminatorji. L-esponenti jagħmlu dawn l-osservazzjonijiet:
>
> »1) Il-perit legali ddikjarat illi t-tieni kawża hija differenti mill-ewwel kawża[3] u li l-esponenti ma setgħux jistrieħu fuq l-ewwel sentenza. Ma għandhiex raġun. Jekk wieħed iħares lejn id-*decide* tas-sentenza fl-ewwel istanza (ċitazzjoni numru 949/2004) isib miktub hekk:
>
> > »"Tiddikjara li l-imposizzjoni ta' zona riservata għar-residenti hija *ultra vires* … minbarra li hija miżura preferenziali."
>
> »Dawn il-kelmiet jinsabu fid-*decide* mhux fil-korp tas-sentenza fejn hemm ir-raġunijiet, u għalhekk huma vinkolanti.
>
> »2) Jekk wieħed iħares lejn id-*decide* tas-sentenza mogħtija mill-onorabbli Qorti tal-Appell (*res judicata*) isib miktub hekk:

---

3 Maria Victoria Borg *et v.* Sindku u Segretarju Eżekuttiv in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Pietà, App. 19 ta' Mejju 2009.

»"Għall-motivi premessi, u għalhekk mhux neċessarjament għall-istess raġunijiet kollha kif miġjuba fis-sentenza appellata, tiċħad l-appell u tikkonferma dik is-sentenza."

»Il-Qorti tal-Appell imkien ma rrevokat xi parti mid-*decide* u anzi ikkonfermata. Ladarba s-sentenza ġiet ikkonfermata *in toto* – jiġifieri d-*decide* ġie kkonfermat mill-onorabbli Qorti tal-Appell – hemm *res judicata* fis-sens li tgħid li l-impozizzjoni ta' zona riservata għar-residenti hija wkoll "miżura preferenzjali". Għalhekk, l-ewwel qorti ma setgħetx tgħid li taqbel mar-relazzjoni peritali.

»3) Il-perit legali … qalet hekk:

»"… … … huwa meħtieġ illi jintlaħaq bilanċ bejn l-esigenza ta' dak illi jżur lokalità saltwarjament għall-fini rikreattiva jew kummerċjali, u r-residenti illi jridu jaffaċċjaw il-problemi tal-parkeġġ fuq bażi ġornaljera u anke diversi drabi kuljum."

»Hawnhekk, l-esponenti jixtiequ jirrimarkaw li kemm-il darba jiġri li persuna tmur fil-lokalità proprju sabiex tipprovdi servizz mitlub mir-residenti stess (*e.g.* mediċini, xiri). L-esponenti jixtiequ jirrimarkaw ukoll illi ċerti problemi jiġu kkawżati mir-residenti stess għaliex ma jagħmlux użu minn *garage* jew mill-*garage* li għandhom huma stess, iżda jippretendu li t-triq hija esklussivament tar-residenti tal-lokal. Mela, filwaqt li l-esponenti jaqblu li huwa meħtieġ, jekk hu possibbli, li jinstab blianċ bejn iż-żewġ naħat, il-konklużjoni tal-perit legali, li ġiet adottata mill-ewwel onorabbli qorti, ipproduċiet żbilanċ u mhux bilanċ! Dan għaliex, f'sitwazzjoni fejn ma hemmx *reserved parking*, iż-żewġ naħat għandhom ugwalment il-possibilità li jagħmlu użu minn *parking space* li jkun għad-disposizzjoni ta' kulħadd fuq bażi ta' *first come, first served*.

»4) Il-prinċipju ta' proporzjonalità huwa maħsub proprju sabiex iġib bilanċ mhux żbilanċ. Jekk jigi applikat ħażin, iżda, jista' jikkawża żbilanċ; għalhekk ma jistax jiġi applikat fiċ-ċirkostanzi kollha. Is-sentenza appellata taċċetta li jkun hemm żbilanċ billi tirrespinġi l-prinċipju ta' *first come, first served* u għalhekk taċċetta li jkun hemm diskriminazzjoni fil-leġislazzjoni sussidjarja nnifisha.

»5) Jekk f'ċerta lokalità tkun teżisti problema ta' parkeġġar, jista' jinħoloq bilanċ jekk numru ta' *parking spaces* jiġu riservati għar-residenti tal-lokal biss u numru ta' *parking spaces* jiġu riservati għall-viżitaturi biss. Mela, minn per eżempju 100 *parking spaces*, 80 ikunu riservati għar-residenti u 20 għall-viżitaturi. Ghalkemm tali proporzjon (80:20) tibqa' dejjem dibattibbli, f'dik is-sitwazzjoni kemm l-esigenzi tar-residenti kif ukoll l-esigenzi tal-viżitaturi jkunu qegħdin jitqiesu skond in-neċessitajiet tagħhom. Ghalhekk, ma jkunx hemm diskriminazzjoni. Iżda, jekk minn 100 *parking spaces*, 80 jew addirittura 100 jiġu riservati għar-residenti u xejn għall-viżitaturi, ikun hemm żbilanċ. Min-naħa l-oħra, jekk il-parkeġġ kollu jkun fuq bażi ta' *first come, first served*, dan ikun *unbiased* u ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni. Il-100 *parking spaces* ikunu disponibbli għar-residenti u għall-viżitaturi ugwalment il-ħinijiet kollha tal-ġumata, u ma jkun hemm l-ebda żbilanċ.

»6) Il-leġislazzjoni sussidjarja li qed tiġi impunjata toħloq speċi ta' "servitù" jew forma ta' 'preferenza' jew 'dritt' lir-residenti ta' ċerta lokalità li ma jkollhomx vetturi ta' viżitaturi parkeġġjati fit-toroq fejn joqogħdu huma, mentri l-iskop ta' Avviżi Legali m'għandux ikun xi

> interess privat, settorali jew ta' ċerta għażla, iżda dak komunitarju fl-interess tal-poplu kollu ta' kull belt jew raħal f'Malta. Jirriżulta li l-Avviżi Legali in kwistjoni ma sarux fl-interess tal-pubbliku in ġenerali iżda fl-interess tar-residenti b'mod settorali (li qegħdin jieħdu vantaġġ) u bl-esklużjoni tal-viżitaturi (li qegħdin jiġu żvantaġġjati u penalizzati).
>
> »7) Fl-aħħarnett, hemm l-argument dwar il-ħlas, li ġie kompletament injorat mill-ewwel qorti: Kulħadd iħallas ir-*road licence* iżda r-"residenti" jingħataw trattament preferenzjali. Sewwa qalet is-sentenza li għaddiet in ġudikat, li l-iskemi ta' *residential parking* jikkostitwixxu "miżura preferenzjali".«

31. Nibdew bl-argument ta' *res iudicata*. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell imsemmija f'dan l-aggravju ngħatat kontra l-Kunsill Lokali tal-Pietà waqt li l-kawża tallum hija kontra l-Prim Ministru, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni humiex kontradittori leġittimi fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, mill-ewwel jidher li ż-żewġ kawżi ma humiex kontra l-istess persuna, u jonqos għalhekk l-element ta' *eædem personæ*.

32. Ukoll, f'dik is-sentenza l-atturi fittxew li jimpunjaw il-kundanna tal-attriċi għall-ħlas ta' ammenda kif ukoll skema ta' parkeġġjar riservat imposta mill-Kunsill Lokali konvenut. Fil-kawża tallum qegħdin jiġu impunjati żewġ Avviżi Legali. Ma hemmx *eadem res*.

33. L-argument ta' *res iudicata* huwa għalhekk ħażin.

34. Għall-bqija, l-aggravju jattakka l-politika wara l-Avviżi Legali bla ma jindirizza r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex issib li l-Avviżi Legali ma kinux invalidament diskriminatorji. L-atturi jgħidu illi l-Avviżi Legali ma jittrattawx lir-residenti u lill-viżitaturi bl-istess mod.

Dan huwa minnu, u tagħarfu wkoll is-sentenza appellata. Id-diskriminazzjoni illeċita iżda ma hijiex li ma tittrattax lil kulħadd b'mod ugwali, iżda li ma tittrattax b'mod ugwali li min qiegħed f'sitwazzjoni ugwali. Id-diskriminazzjoni illeċita sseħħ kemm meta tittratta b'mod differenti lil min hu fl-istess sitwazzjoni u wkoll meta tittratta bl-istess mod li min hu f'sitwazzjoni differenti. Il-kriterju hu jekk il-fattur differenzjali huwiex wieħed relevanti għall-għanijiet tad-differenza fit-trattament. Fi kliem ieħor, ikun hemm diskriminazzjoni illeċita jekk jingħata trattament differenti lil persuni li d-differenza bejniethom ma hijiex waħda relevanti fiċ-ċirkostanzi. Tkun diskriminazzjoni illeċita jekk tagħti liċenza tas-sewqan lil min għandu għajnejh ħodor iżda mhux lil min għandu għajnejh ċelesti; tkun diskriminazzjoni leċita jekk tagħti liċenza tas-sewqan lil min għandu vista tajba iżda mhux lil min hu għama.

35. Il-mistoqsija mela hi jekk ir-residenza f'ċerti lokalitajiet hijiex fattur relevanti biex jiġġustifika li jingħata permess ta' parkeġġjar riservat f'ċerti lokalitajiet lil min joqgħod f'dawk il-lokalitajiet iżda mhux lil min ma joqgħodx hemm, u li dan il-permess jingħata dwar ċerti lokalitajiet iżda mhux dwar oħrajn.

36. Is-sentenza appellata tat tweġiba motivata għal din il-mistoqsija. Dwar parkeġġji riservati għar-residenti u mhux għall-viżitaturi l-ewwel qorti osservat illi, f'lokalitjiet fejn l-ispazju għall-parkeġġjar huwa limitat, il-problema għal min joqgħod hemm huwa ferm akbar milli għal min jiġi għal ftit sigħat, u għalhekk huwa raġonevoli li min

joqgħod f'dawk il-lokalitajiet u jkollu jħalli l-karrozza tiegħu hemm għal ħinijiet twal jingħata preferenza. Dwar spazji riservati għal residenti ta' ċerti lokalitajiet u mhux ta' lokalitajiet oħra l-ewwel qorti osservat li mhux il-lokalitajiet kollha huma frekwentati l-istess, u għalhekk mhux kullimkien hemm problema ta' parkeġġjar.

37. Fil-fehma tal-qorti dawn l-argumenti huma validi u raġonevoli, u ma ntweriex li, statistikament, in-numru ta' spazji riservati huwa sproporzjonat meta mqabbel man-numru ta' spazji disponibbli jew man-numru ta' residenti. Tista' ma taqbilx mal-politika wara l-kunċett ta' parkeġġjar kontrollat; tista' tipproponi metodi alternativi, bħal ma għamlu l-appellanti fir-rikors tal-appell, iżda dan ma jfissirx illi l-iskemi tal-Avviżi Legali huma diskriminatorji.

38. Dan l-aħħar aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

39. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati bis-sentenza appellata; l-ispejjeż kollha tal-appell iħallsuhom l-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr